MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 215/2008

**Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado (ID nru 352272(M)**
**u John Abela (ID nru 495462(M) bhala stralcarji ghan-nom u in**
**rappresentaza tal-kumpanija Sea Malta Company Limited (C2764)**

**Vs**

**S Mifsud & Sons Limited (C 341)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik attrici s-somma ta' tmint elef, disa' mija u sitta u sittin Euro u erba' euro cent (€8,944.04) ekwivalenti ghal tlett elef, tmin mija u disgha u erbghin Lira Maltin u tnax il-centenzmu (Lm3,849.12) rapprezentanti bilanc dovut fuq somma akbar bhala prezz

ta’ servizzi ta’ garr u servizzi ohra rezi lill-konvenut mill-kumpanija attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-28 ta’ Frar 2007 u bl-imghax legali kontra l-kumpanija konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni, flimkien mar………..

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata ossija konvenuta li biha (fol 7 ibid) eccepiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
2. Illi fit-tieni lok l-ammont li qed jigi mitlub mhux dovut billi dan gie pacut ma’ ammont ekwivalenti li kien dovut fil-konfront tal-esponenti.
3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost, ir-rikorrent ghandu jgib prova ta’ dak li qed jigi mitlub fir-rikors promutur.
4. Salv ecezzjonjiet ulterjuri, bl-ispejjez kontra min qed jaghmel it-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi nomine pproducew bhala provi, x-xhud Joseph Bugeja (fol 21 et seq ibid) li kien il-‘general manager’ tas-socjeta’ ‘Sea Malta Company Ltd’ qabel ma din ghaddiet, fi stralc fit-12 ta’ Dicembru 2005. L-istess atturi nomine esebew in sostenn tat-talba diversi dokumenti li jinsabu a fol 14 sa fol 20 ibid. Dan ix-xhud spjega li bejn iz-zewg kumpaniji kien hemm relazzjoni bejniethom u in relazzjoni ma gar ta’ merkanzija a bazi ta’ ‘current account’. Filfatt kull tletin gurnata jew sittin gurnata, iz-zewg kumpaniji kienu jaraw x’kien hemm dovut bejniethom u jsir il-hlas minn min kien dovut u dan peress li kien “… isir garr ta’ merkanzija mhux biss mis-Sea Malta ghall-SMS izda anke mill-SMS ghas-Sea Malta”. Hu kompla billi qal illi “… ma konniex naghmlu ‘set off’ izda kull hadd kien ihallas il-bilanc dovut”. Izda wara s-socjeta’ ‘Sea Malta’ kienet

marret fi stralc, hu kien gie informat minn dik konvenuta illi din "… kienu qeghdin ihallsu l-ammont ta' hamest elef 'plus' … u kienu qed izommu l-bilanc bhala 'set off', din kienet l-ewwel darba li smajt dwar tpacija jew 'set off'" . Skond ix-xhud kien hemm dovut l-ammont ta' Lm8,857.28 li minnu s-socjeta' konvenuta hallset Lm5008.16 u b'hekk kien hemm dovut dak mitlub fir-rikors promotur. Ili kif jidher a fol 14 sa fol 16 ibid, is-socjeta' Sea Malta Company Ltd' kienet ppresentat ittra ufficjali dwar l-istess meritu in esami u dan a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitou 12 tal-Ligijiet ta' Malta. In risposta, dik konvenuta kienet opponiet ghal dik it-talba u spjegat illi z–zewg kumpaniji kienu jgorru merkanzija ghal xulxin u kienu debituri ta' xulxin, illi kien minnu illi s-socjeta' konvenuta kienet debitrici fl-ammont ta' Lm8857.28 (ara fol 18 ibid) u s-socjeta' 'Sea Malta' kienet debitrici, pero, fis-somma ta' Lm3849.12 (ara fol 19 ibid), illi dawn l-ammonti kienu certi u likwidi u ghalhekk is-socjeta' konvenuta "… ikkomparat l-ammont dovut lilha mis-Sea Malta Company Ltd", ma parti mill-ammont minnha dovut lis-Sea Malta Company Limited' u fis-26 ta' Lulju , hallset il-bilanc ta' Lm5008.16 (ara fol 20 ibid u dan permezz ta cheque' '<u>in full and final settlement</u>'. L-istess xhud gie riprodott <u>in kontroezami</u> (fol 27 u fol 28 ibid) hu semma', ghal darba' ohra , li bejn iz-zewg kumpaniji kien hemm 'current account' u "fl-ahhar ta' kull xahar kien isir rendikont … u z-zewg kumpaniji jaraw x'inhu dovut lil xulxin" minghajr tpacija izda bi hlas reciproku ossija 'hlas' …. tal-ammont kollu dovut minn kull socjeta' liema ftehim opera bejn l-2002 u l-2005.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta konvenuta, permezz tad-direttur taghha <u>Bernard Sultana</u> (fol 30 u fol 34 et seq ibid) sostniet illi f'dan il-kaz, kien hemm ftehim ta' tpacija. F'aktar dettal, hu semma' illi s-socjeta' attrici u dik konvenuta kienu jippreparaw 'cheque' kull wahda minnhom pagabbli reciprokament u dan kull xahar jew xahar u nofs. Meta s-socjeta' konvenuta kienet tircievi 'cheque' bhala pagament da parti ta' dik attrici hu ".. .fuq il-'computer' kont noqtol l-'invoices' li ghalih(om) kien jirreferi dak ic-'cheque'" ossija "… fi kiemu stess nghid 'match them off'". Wara , da parti

tieghu, hu kien johrog cheque' lis-socjeta attrici "… ta' l-ammont li kelli naghti … bhala SMS".

Fin-notament tieghu esebita a fol 32 ix-xhud semma' illi s-socjetajiet involuti kienu krendituri u debituri ta' xulxin "… reciprokament" deskritt minnu bhala 'account current'. Inoltre is-socjeta konvenuta "… qatt ma konna nhallsu jekk is-'Sea Malta' ma kienx jaghtina l-pagament dovut lilna" u din is-sistema ta' skambju ta' ' cheques' "… minflok li nhallsu t-tpacija topera minhabba l-'accounting system ' taghna". Xorta wahda tkun qed issehh 'tpacija' ghax, skond hu, din tapplika awtomatikament.

In kontro ezami, hu qal illi "ma nistax naccerta lill-Qorti illi meta kien jinhareg 'cheque' da parti tas-socjeta' S Mifsud & Sons Ltd, jekk dan kienx jkopri perijodu shih ekwivalenti ghac-'cheque' li jkun inhareg mis-'Sea Malta'" u dan peress illi "… gieli tinqabez 'invoice' ….." miz-zewg nahat. Hu rega' tenna illi "Ic-cheque kien jinhareg ghal kull fattura jew fatturi, miz-zewg nahat. Inoltre hu kien jahseb illi l-ammont mitlub kelllu jigi pacut ma ammont dovut mis-socjeta attrici lil dik konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi, l-ewwel nett, is-socjeta' attrici ghamlet referenza ghal artikolu 238 u 32 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta (il-ligi dwar ' Kumpaniji' u ghall-artikolu 3 tal-Kapitolu 459 ibid (l-Att Dwar Tpacija u 'Netting' f'kaz ta' Insolvenza).

Illi l-Qorti, dwar dan il-punt sollevat mill-atturi nomine bhala stralcarju tas-socjeta' attrici esaminat l-istess artikolu, u Tara li, f'kaz bhal dak in esami li jinvovli socjeta' kummerjcali li stralc tista' tkun soggetta ghal 'set off' ossija 'tpacija' bil-kondizzjoni li jigu osservati ir-regoli ta' dan il-mod ta' pagament kif imnizzlin fl-artikoli 1196 tal-Kodici Civili b'mod specjali fejn jinghad illi tpacija ssir, fost kondizzjonijiet ohra, meta id-dejn hu, likwidu, cjoe "… cert ukoll, f'dik li hija kwantita" (ara l-artikolu 1197 (1) u (2) ibid).

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, mill-provi prodotti jirrizulta li l-ammont ta' Lm8,857.28 kien dovut ghall-imsemmija servizzi mis-socjeta' konvenuta lill-atturi nomine mill-liema ammont thallset is-somma ta' Lm5008.16.

Pero s-socjeta' konvenuta issostni li l-ammont ta' Lm3849.12 kien filfatt dovut minnha izda kellu jigi pacut ma ammont ekwivalenti kif specifikat. Certament, in vista li dan l-ammont hu kkontestat mill-atturi nomine ghalhekk , ma jistax jinghad li dan l-ammont, jista' jigi kunsiderat bhala "cert f'dik li hija kwantita".

Illi, bejn il-partijiet, u mill-istess provi jidher li ma kienx hemm xi qbil bejniethom li kellha topera 'tpacija' bejniethom. Dan il-fatt jirrisulta fil-fehma tal-Qorti, kemm ix-xhieda ta' Joseph Bugeja kemm dik ta' Bernard Sultana u ghalhekk l-eccezzjoni ta' tpacija, anke minn dan il-lat, trid tigi michuda.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi f'dan il-kaz, issemma ukoll il-kuntratt ta' kont kurrenti (ara art. 264 et seq tal-Kodici tal-Kummerc). Filfatt ma irrizultax, mill-provi li kien hemm xi forma ta' ftehim bhal dan.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi hu minnu li meta thallas l-ammont ta' Lm5008.16 , jnghad li s-socjeta' konvenuta ghamlet dan 'in full and final settlement' ossija a saldu. Pero dan il-punt lanqas issemma fl-eccezzjonijiet sottomessi mis-socjeta' konvenuta. Inoltre jidher mill-ittra ufficjali li giet presentata wara dan il-hlas (ara fol 14 ibid) illi l-atturi nomine ma accettawx din id-dikjarazzjoni maghmula unilateralment mis-socjeta' konvenuta. Inoltre fin-nota in opposizzjoni (fol 16 ibid) l-istess punt ma hux imsemmi izda jinghad biss illi l-ammont mitlub fir-rikors in esami kellu jigi kompensat b'dak dovut allegatment mill-attur nomine.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti izda l-imghaxijiet kummercjali ghandhom jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali stante li ma hemmx certezza dwar meta s-servizzi gew rezi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attrici nomine is-somma ta’ Lm3849.12 ossija €8966.04 bl-imghax kummercjali mit-28 ta’ Frar 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------